**Parlament Ewropew**

2014-2019

*Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi*

**2016/2245(INI)**

22.6.2017

# POŻIZZJONI FIL-FORMA TA' EMENDI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

dwar l-użu ta' strumenti tal-politika ta' koeżjoni mir-reġjuni biex jiġi indirizzat it-tibdil demografiku

Rapporteur għal opinjoni: Arne Gericke

(2016/2245(INI))

PA_Legam

## EMENDI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

**Emenda 1**
**Abbozz ta' rapport**
**Premessa Ea (ġdida)**

| *Abbozz ta' rapport* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ea. billi n-nisa, u b'mod partikolari l-ommijiet waħedhom, huma aktar esposti għall-faqar u l-esklużjoni;*** |

**Emenda 2**
**Abbozz ta' rapport**
**Premessa Eb (ġdida)**

| *Abbozz ta' rapport* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Eb. billi l-aċċess għal servizzi tat-twelid, l-infrastrutturi adegwati tal-kura tas-saħħa materna u l-garanzija ta' twelid sikur huma nieqsa f'żoni rurali;*** |

**Emenda 3**
**Abbozz ta' rapport**
**Premessa Ec (ġdida)**

| *Abbozz ta' rapport* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ec. billi r-rwol tan-nisa fl-agrikoltura u l-azjendi agrikoli tal-familji għadu fattur importanti u inviżibbli u f'ħafna każijiet mhux imħallas;*** |

**Emenda 4**
**Abbozz ta' rapport**
**Premessa Ga (ġdida)**

| *Abbozz ta' rapport* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***GA. billi n-nisa huma aktar esposti għall-faqar u l-esklużjoni soċjali mill-irġiel – aktar u aktar meta jkunu akbar minn 60 sena;*** |

**Emenda 5**
**Abbozz ta' rapport**
**Premessa Gb (ġdida)**

| *Abbozz ta' rapport* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Gb. billi l-ugwaljanza bejn is-sessi hija dritt fundamentali, valur komuni tal-UE, u kundizzjoni meħtieġa għall-kisba tal-għanijiet tal-UE tat-tkabbir, l-impjieg u l-koeżjoni soċjali;*** |

**Emenda 6**
**Abbozz ta' rapport**
**Premessa Gc (ġdida)**

| *Abbozz ta' rapport* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Gc. billi l-ugwaljanza bejn is-sessi tirrappreżenta għodda importanti għall-*** |

| | |
|---|---|
| | ***iżvilupp ekonomiku u l-koeżjoni soċjali;*** |

**Emenda 7**
**Abbozz ta' rapport**
**Premessa Ja (ġdida)**

| *Abbozz ta' rapport* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ja. billi l-bidla demografika negattiva żżid id-domanda għal solidarjetà aktar b'saħħitha bejn il-ġenerazzjonijiet;*** |

**Emenda 8**
**Abbozz ta' rapport**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Abbozz ta' rapport* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Jenfasizza r-rwol kruċjali tas-servizzi pubbliċi u privati ta' kwalità għolja, speċjalment għan-nisa; jenfasizza l-importanza ta' servizzi pubbliċi u privati aċċessibbli ta' kwalità għolja u affordabbli bħala għodda biex tiġi żgurata l-ugwaljanza bejn is-sessi;*** |

**Emenda 9**
**Abbozz ta' rapport**
**Paragrafu 2a (ġdid)**

| *Abbozz ta' rapport* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex iqisu l-effetti tal-politiki differenti dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-bidla demografika;*** |

**Emenda 10**
**Abbozz ta' rapport**
**Paragrafu 3a (ġdid)**

| *Abbozz ta' rapport* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Ifakkar fid-deċiżjoni tal-Ombudsman Ewropew fil-Kawża OI/8/2014/AN dwar ir-rispett tad-drittijiet fundamentali fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni tal-UE;*** |

**Emenda 11**
**Abbozz ta' rapport**
**Paragrafu 3b (ġdid)**

| *Abbozz ta' rapport* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jużaw il-Fondi Strutturali Ewropej b'mod attiv bħala għodda biex titjieb l-ugwaljanza bejn is-sessi;*** |

**Emenda 12**
**Abbozz ta' rapport**

**Paragrafu 7a (ġdid)**

| *Abbozz ta' rapport* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Jistieden lill-Istati Membri u l-Kummissjoni jwettqu analiżi tal-ġeneru u jaħdmu bl-ibbaġitjar skont il-ġeneru bl-għan li tinkiseb allokazzjoni ugwali bejn il-ġeneri tar-riżorsi finanzjarji;*** |

**Emenda 13**

**Abbozz ta' rapport**
**Paragrafu 7a (ġdid)**

| *Abbozz ta' rapport* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Iqis li l-isfidi tal-popolazzjonijiet li qed jonqsu u jixjieħu se jkollhom bżonn objettiv, rivalutazzjonijiet dettaljati u komprensivi ta' ħafna politiki u programmi ekonomiċi, soċjali u politiċi stabbiliti, li se jeħtieġu li jinkorporaw perspettiva fit-tul;*** |

**Emenda 14**
**Abbozz ta' rapport**
**Paragrafu 7b (ġdid)**

| *Abbozz ta' rapport* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7b. Jirrimarka li n-nisa fi ħdan komunitajiet emarġinati jiffaċċjaw*** |

| | |
|---|---|
| | ***diskriminazzjoni multipla, li tpoġġihom f'riskju dejjem akbar ta' faqar u esklużjoni soċjali, speċjalment fl-aċċess għax-xogħol, l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa u s-servizzi soċjali;*** |

**Emenda 15**
**Abbozz ta' rapport**
**Paragrafu 7c (ġdid)**

| *Abbozz ta' rapport* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7c. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iqisu d-djalogu interġenerazzjonali u s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet bħala għodda biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;*** |

**Emenda 16**
**Abbozz ta' rapport**
**Paragrafu 7d (ġdid)**

| *Abbozz ta' rapport* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7d. Jirrimarka li r-rata tal-qgħad fost in-nisa hija sottovalutata minħabba l-fatt li ħafna nisa mhumiex reġistrati bħala qiegħda, partikolarment dawk li jgħixu f'żoni rurali jew remoti jew li jgħinu fl-impriżi u l-farms tal-familja;*** |

**Emenda 17**
**Abbozz ta' rapport**
**Paragrafu 7e (ġdid)**

| *Abbozz ta' rapport* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7e. Jistieden lill-Istati Membri u l-Kummissjoni jippromwovu l-intraprenditorjat tan-nisa f'żoni rurali;*** |

**Emenda 18**
**Abbozz ta' rapport**
**Paragrafu 7f (ġdid)**

| *Abbozz ta' rapport* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7f. Jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm faċilitajiet li jipprovdu l-kura tat-tfal u kura għal dipendenti oħrajn biex ikunu disponibbli fiż-żoni rurali kollha, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri, inkluż permezz tal-għoti ta' fondi disponibbli mill-UE, fil-ħolqien ta' faċilitajiet bħal dawn f'forma li tkun aċċessibbli għal kulħadd;*** |

**Emenda 19**
**Abbozz ta' rapport**
**Paragrafu 8a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati*** |

| | |
|---|---|
| | ***Membri biex jadottaw l-integrazzjoni tal-familji bħala l-prinċipju bażi tal-proposti ta' politika kollha;*** |

**Emenda 20**
**Abbozz ta' rapport**
**Paragrafu 10a (ġdid)**

| *Abbozz ta' rapport* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10a. Jenfasizza l-importanza tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni ta' politiki u miżuri li jipprovdu l-impjiegi u l-possibilitajiet ta' impjieg indipendenti, b'mod speċjali għan-nisa, li jwaqqfu t-tendenza ta' migrazzjoni;*** |

**Emenda 21**
**Abbozz ta' rapport**
**Paragrafu 14a (ġdid)**

| *Abbozz ta' rapport* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14a. Jistieden lill-Kummissjoni tuża fondi reġjonali biex ittejjeb l-kura tat-twelid deċentralizzata;*** |

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
## FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 20.6.2017 |